MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 251/2008

**Edwin John Nimmo u martu Maxine Jane Nimmo**

**vs**

**Anthony sive Tonio Vella Bonello**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' hdax-il elf mitejn u hamsa u sittin Ewro u disgha u tletin centezmu (€11,265.39) rapprezentanti bilanc minn somma akbar mislufa lill-konvenut li baqa' ma hallasx. Il-prospett relattiv qed jigi hawn anness bhala Dok.A;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata l-1 ta' Marzu tas-sena 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1694/08 u bl-imghax skond il-ligi,**

**sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-3 ta' Frar tas-sena 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hdax-il elf mitejn u hamsa u sittin Ewro u disgha u tletin centezmu (€11,265.39) lill-konvenuti Edwin John Nimmo u martu Maxine Jane Nimmo;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti kontra l-konvenut Anthony sive Tonio Vella Bonello.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------